**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu, 2024**

Kawza Numru: 16/2021 (MPX)

**Peter Paul Zammit**

**vs**

**Carmel sive Charles Farrugia**

**<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-atturipprezentat fit-22 ta' Marzu, 2022 fejn ippremetta : -

1. *Illi l-attur electrician bil-licenzji relattivi (Licenzja tat-Tip A);*
2. *Illi l-konvenut kien ingagga lill-attur sabiex jaghmel xoghol tad-dawl u kif ukoll iforni l-materjal relattiv in konnessjoni mal-istess xoghol, u dan fil-fond bin-numru 20, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex. Dan il-fond m'huwiex propjeta` tal-konvenut izda ta' terzi;*
3. *Illi l-attur ma kellu l-ebda relazzjoni mas-sidien u/jew l-okkupant tal-fond bin-numru 20, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex;*
4. *Illi nonostante l-fatt li x-xoghol ta' dawl li sra mill-attur fl-istess fond sar skond l-arti u s-sengha, l-intimat ghadu ma hallasx lill-attur;*
5. *Illi nonostante l-fatt li l-konvenut mhux qieghed jichad li baqa' ammont pendent dovut lill-attur, u minkejja li l-intimat gie interpellat mill-attur biex ihallas, huwa xorta wahda baqa' inadempjenti;*

6. *Illi l-ammont dovut lill-attur in konnessjoni mal-istess xoghol jammonta ghal elf, sitt mija u disgha u tmenin Ewro (€1,689) jew ammonti verjuri li jistghu jirrizultaw waqt din il-kawza, tal-imghax relattiv, spejjez u danni sofferti mill-atturi, li jista' jirrizulta waqt din il-kawza;*
7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, sitt mija u disgha u tmenin Ewro (€1,689) jew ammonti verjuri li jistghu jirrizultaw waqt din il-kawza, tal-imghax relattiv, spejjez u danni sofferti mill-atturi, li jista' jirrizulta waqt din il-kawza.*

*Bl-ispejjez kollha, bl-imghaxijiet, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hua ingunt.*

Ra r-risposta tal-konvenut, ipprezentata fis-27 ta' Mejju, 2022, li permezz taghha eccepixxa kif gej:

*Illi l-eccepjenti jeccepixxi l-intempestivita` tal-proceduri stante li huwa qatt ma gie interpellat sabiex ihallas l-ammont reklamat u qatt ma inghata rendikont dettaljat tal-ammont reklamat mill-attur;*

*Illi meta kienu qeghdin isiru n-negozjati bejn il-partijiet qabel inbeda x-xoghol, l-istima indikata mill-attur kienet tinkludi l-materjal izda tul il-kors tax-xoghlijiet il-materjal gie supplit mis-sid tal-fond li fih sar ix-xoghol, izda jidher li l-attur xorta qieghed jippretendi li jithallas tal-materjal minkejja li dan ma nxtarax minnu;*

*Illi apparti minn hekk, ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha mill-attur u parti mix-xoghol tieghu kellu jinqala' u jigi sostitwit b'xoghol gdid.*

*Ghaldaqstant, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*Salv risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Ra l-atti kollha tal-process;

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, Peter Paul Zammit, fejn qal li:

Huwa ghamel xoghol tal-elettriku lil Carmel sive Charles Farrugia, bil-karta tal-identita` numru 36165G, liema xoghol sar kollu fuq l-istruzzjonijiet u l-inkarigu tal-istess Charles Farrugia. Spjega li dan ix-xoghol kien inkarigat jaghmlu fi propjeta` ta' terzi, u cioe` fil-fond numru 20, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex. Jghid illi l-qbil mieghu dejjem kien li l-attur kellu jithallas minghand il-konvenut.

Izid jghid illi qabel beda dan ix-xoghol, ghalkemm Carmel Farrugia kien tah stima verbali, kif inbeda x-xoghol, in-natura, volum u kwantita` tax-xoghol inbidlu u b'hekk ix-xoghol zdied. Ghalhekk, l-istima li kien ta ma baqghetx iktar valida.

Jispjega li ghalkemm kien hemm cirkostanzi fejn is-sid issupplixxa l-materjal huwa stess, dan ma kienx ghax-xoghol kollu, tant li fil-maggor parti kien hi stess li xtara l-materjal u hallsu huwa stess. Izid jghid illi tali materjal gie kollu installat fil-fond in kwistjoni.

Jenfasizza li, ghalhekk, kif tenna qabel fl-istess dikjarazzjoni guramentata tieghu, kien il-konvenut li kellu jhallsu.

Jghid illi l-ammont originali u dovut kien ta' elf, sitt mija u disa' u tmenin Ewro (€1,689). Jghid li l-istess Charles Farrugia kien hallsu erbghin Ewro (€40), u ghalhekk il-bilanc huwa ta' elf, sitt mija u disgha u erbghin Ewro (€1,649).

Jispjega illi kien ta lill-konvenut rendikont shih tax-xoghlijiet li kien ghamel u tal-materjal li kien issupplixxa, liema rendikont annetta mal-istess dikjarazzjoni guramentata tieghu. Jghid illi fuq dak ir-rendikont, il-konvenut kien hallas l-ammont parzjali ta' hames mitt Ewro (€500), liema pagament sar fl-20 ta' April, 2020. Giet annessa wkoll kopja tal-ircevuta relattiva.

L-attur jghid illi meta thallas lilu l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500) huwa fl-ebda hin ma kkontesta x-xoghlijiet, anzi kien talbu discount peress li kienu hbieb u qallu li kien kuntent bix-xoghol.

Izid jenfasizza li sa April, 2020, Charles Farrugia qatt ma kien qallu li x-xoghol ma kienx tajjeb jew li kien hemm bzonn jitranga.

Jghid illi qabel inbdew il-proceduri kien ipprova ghal diversi drabi jasal ma' Charles Farrugia biex dan ihallas, imqar pagamenti kull xahar, pero` dan tal-ahhar kien qalli li dak l-ammont ma kienx dovut lilu. Izid li Charles Farrugia kien kellem lis-sid, cioe` lil Brian Gatt, biex jissetilja l-kontijiet ma' Charles Farrugia, izda li Brian Gatt dejjem qallu li ma kellu xejn x'jaqsam mieghu peress li kien gie mqabbad minn Charles Farrugia.

Jaghlaq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu billi jghid illi m'huwiex minnu li qatt ma talab lil Charles Farrugia jhallsu, tant li fl-2021 kien baghtlu ittra bl-avukat, kopja ta' liem giet ukoll annessa.

Ra x-xhieda ta' Brian Gatt, moghtija waqt is-seduta tal-1 ta' Frar, 2023.

Brian Gatt jixhed illi huwa s-sid tal-fond bl-indirizz 20, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex, liema fond kien mixtri minnu u ddecieda li jaghmel xi xoghlijiet fiha biex jirrangaha. Jghid illi qabbad Project Manager, certa Charles Archer, li kellu l-ufficju fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, li kellu jaghmillu xoghlijiet ta' rinovar. Jghid illi x-xoghol kien jikkonsisti f'rinovazzjoni totali, u li x-xhud ma kellu l-ebda involviment dwar ix-xoghol li kellhom jaghmlu l-kuntratturi. Jispjega li lill-kuntrattur Turnkey kien ghaddielu bhala depozitu nofs is-somma minn qabel bdew ix-xoghlijiet, fl-ammont ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7,500).

Ix-xhud jghid li ghandu diversi problemi bix-xoghlijiet li saru. Jghid li kien biss id-depozitu li ghaddielu, u dan ghaliex kellu jwaqqfu u jsib kuntrattur iehor. Izid li l-ammont mghoddi kellu jkopri il-hlasijiet tal-haddiema skond kif kien qallu l-kuntrattur. Jghid illi minkejja li Charles Farrugia kien project manager, li suppost kellu jkun on site bhala turnkey, hafna mid-drabi, dan lanqas biss kien ikun prezenti.

L-istess xhud, in kontro-ezami, jghid illi ghandu rapport peritali, li obbliga ruhu li jipprezenta.

Izid jghid li l-problemi relatati ma' xoghol fid-dawl kienu minimi, u jaghti ezempji dwar xiex kien qed jitkellem.

Ra n-Nota tal-attur, ipprezentata fl-20 ta' Mejju, 2023, li permezz taghha gie esebit ir-rapport tal-Perit Arkitett Martin Debrincat.

Ra x-xhieda in kontro-ezami moghtija mill-attur u mix-xhud Brian Gatt.

Ra x-xhieda moghtija mill-intimat Carmel sive Charles Farrugia, nhar is-27 ta' Gunju, 2023, fejn spjega illi huwa jahdem bhala decorator u project manager, u jghid li lill-attur jafu ghaliex kien iltaqa' mieghu u tah din il-bicca xoghol tal-elettriku f'town house fi Triq l-Isptar, il-Fontana.

Jghid illi x-xoghol tal-elettriku sar, u li l-pagament li ghandu jaghti lill-attur m'ghamlux ghaliex sid il-fond li fih saru x-xoghlijiet forna lil Zammit bhala electrician, u tah il-materjal minghand is-supplier Joseph Caruana. Izid jghid li talab lill-attur sabiex jirrevedi l-istima tal-points mifruxin fuq iz-zewg sulari tad-dar, u qalli li huwa kien jikkunsidra x'irid ihallas bhala bilanc.

Ix-xhud jafferma illi kien huwa li qabbad lill-attur bhala electrician licenzjat, u li kien jafu bhala bniedem dedikat f'xoghlu. Jispjega illi n-natura tad-dar kienet

wahda delikata u li ghalhekk riedet certa attenzjoni, mhux tkissir bil-jigger. Jghid li ghalhekk kien hemm xoghol li gie daqxejn hazin.
Izid jispjega li ma' Brian Gatt, sid il-fond, huwa rranga rigward hlas, u li kien hemm xi penalties li bilfors riedu jinqatghu.
Fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk il-kwistjoni hijiex peress li s-sid Brian Gatt ghadda materjal direttament lill-attur u allura l-istess intimat jidhirlu li dak l-ammont li qed jitlob irid jonqos, huwa jghid li dak li kellu jigbor minghand Brian Gatt gabru, u li l-istess Gatt ma fadallu jhallsu xejn iktar.

Ikkunsidra:

Illi huwa ben saput li fil-kamp civili, il-grad tal-prova rikjest huwa dak li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Dan a differenza tal-kamp kriminali, fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli. Ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili.[1]

Wara li ezamina x-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri, it-Tribunal seta' jislet is-segwenti dettalji:

Illi permezz ta' dan l-avviz, l-attur qed jitlob hlas ghal xoghol fid-dawl esegwit minnu, u materjal relattiv minnu supplit, liema xoghol sar fil-fond bin-numru ufficjali 20, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex. Mix-xhieda prodotta hareg illi tali xoghol u materjal fornit sar, u gie supplit, mill-attur fuq inkarigu u istruzzjonijiet tat-Turnkey Contractor ingaggat minn sid il-fond, ossia mill-konvenut.

[1] Ara Frank Giordmaina Medici et. v. William Rizzo u Gaetana Rizzo, deciza fit-28 ta' April, 2004, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Illi waqt ix-xhieda moghtija minnu, l-attur jispjega illi l-ammont originali u dovut kien dak ta' elf, sitt mija u disa' u tmenin Ewro (€1,689), li l-konvenut kien hallsu erbghin Ewro (€40), u ghalhekk il-bilanc dovut lilu jammonta ghal elf, sitt mija u disgha u erbghin Ewro (€1,649). Dan l-ammont huwa rifless fl-ircevuti li gew annessi mad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur.

Illi l-istess ammont jirrizulta wkoll mill-ammonti indikati bhala rapprezentanti xoghlijiet (€1,230), u dawk rapprezentanti materjal (€419), fin-nota guramentata tal-attur, ipprezentata minnu fl-24 ta' Lulju, 2023, li flimkien jghoddu ghal elf, sitt mija u disgha u erbghin Ewro (€1,649).

Min-naha tieghu, il-konvenut jghid illi huwa naqas milli jhallas lill-attur minhabba xoghol maghmul hazin, u minhabba l-fatt li sid il-fond, Brian Gatt, kien hallas xi materjal hu.

It-Tribunal jinnota illi, minkejja li gie pprezentat rapport imhejji mill-Perit Martin Debrincat, liema rapport m'huwiex mahluf, ma gie fl-ebda waqt spjegat lit-Tribunal liema mix-xoghlijiet indikati fl-istess rapport jirrelataw ghal dawk esegwiti mill-attur. Dan oltre l-fatt li ma gew prodotti lanqas l-ebda provi li jindikaw kemm, jekk kien hemm ammont, li gie mnaqqas mill-ammont globali mghoddi minn sid il-fond lill-konvenut, minhabba xoghlijiet difettuzi.

It-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tad-dokument, esebit ma' nota kongunta tal-partijiet, li jindika l-ammont imhallas minn sid il-fond in linea ta' materjal, liema ammont huwa dak ta' mija u sitta u tletin Ewro u erbghin centezmu (€136.40). L-attur jghid illi huwa wettaq xi xoghlijiet addizzjonali lis-sid, li jidhirlu li ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ammont minfuq mill-istess sid fuq materjal, pero`, prova dwar dan ma ngabitx. It-Tribunal huwa tal-fehma, ghalhekk, li l-ammont ta' mija u sitta u tletin Ewro u erbghin centezmu (€136.40) ghandu jigi ridott mill-ammont pretiz mill-attur.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq espressi, u l-kunsiderazzjonijiet hemm maghmula, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' limitatament it-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' elf, hames mija u tnax-il Ewro u sittin centezmu (€1,512.60), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-prezenti istanza ghandhom ikunu, kwantu ghal parti wahda minn tnax (1/12) a karigu tal-attur, u hdax-il parti minn tnax (11/12) a karigu tal-konvenut.

Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

Margaret De Battista
*Assistent Reġistratur*